A.L. 240 ta' l-1997

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-PULIZIJA (KAP. 128)

Regolamenti ta' l-1997 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Pulizija (Emenda Nru. 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat moghtija bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Liċenzi tal-Pulizija, il-Prim Ministru għamel ir-regolamenti li ġejjin: —

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1997 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Pulizija (Emenda Nru. 3), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-regolamenti ta' l-1949 dwar il-Liċenzi tal-Pulizija, hawnhekk iżjed 'il-quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

G.N. 846 ta' l-1949.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1998.

Jissostitwixxi l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:–

"L-EWWEL SKEDA

TAQSIMA I

Drittijiet li għandhom jitħallsu dwar liċenzi u permessi tal-Pulizija

Makna tal-Logħob

	Lm
1. Biex iżżomm makna tal-logħob magħrufa bħala *Kiddie Ride Machine*, fis-sena.....	20.00

Armi

2. Għall-ġarr ta' armi tan-nar biex jitgħassu l-uċuħ tar-raba', fis-sena.....	0.50
3. Għax-xiri ta' kull arma tan-nar u/jew għaż-żamma ta' kull arma tan-nar u/jew kull munizzjon sa l-aħħar tas-sena li fiha tkun inxtrat	7.00

	Lm
4. (a) Għaż-żamma ta' arma jew armi tan-nar, li ma tkunx senter jew snieter fi stat funzjonabbli, jiġifieri li jista' jispara, f'kull sena wara dik meta tkun inxtrat, fis-sena.....	7.00
(b) Għaż-żamma ta' arma jew armi tan-nar, li tkun senter jew snieter fi stat funzjonabbli, jiġifieri li jista' jispara, f'kull sena wara dik meta tkun inxtrat, fis-sena.....	19.00
5. Għall-ġarr ta' arma tan-nar, munizzjon, arma proprja, sikkina jew strument bil-ponta barra minn kull bini jew postijiet li jagħmlu miegħu, għal xi skop barra minn dawk speċifikati taħt il-partiti 2 u 7 ta' din l-Iskeda, fis-sena.....	1.50
6. Biex wieħed jinnegozja fl-armi, munizzjon, armi proprji jew biex iżomm jew jesponi għall-bejgħ dawk l-armi jew munizzjon, fis-sena.....	50.00
7. (a) Għall-ġarr ta' arma tan-nar għall-isport jew għall-kaċċa fuq l-art (barra mill-kaċċa għall-fenek selvaġġ), fis-sena.....	12.00
B'dan illi persuna liċenzjata skond il-partita 7(a) għandha tħallas għaż-żamma ta' senter jew snieter fi stat funzjonabbli f'kull sena wara dik meta jkun inxtara, dritt ta'.....	7.00
(b) Għall-ġarr ta' arma tan-nar għall-kaċċa minn fuq opra tal-baħar, tlett kilometri barra mill-kosta, fis-sena.....	30.00
B'dan illi persuna liċenzjata skond il-partita 7(b) għandha tħallas id-drittijiet li għandhom jitħallsu skond il-partita 7(a) u l-proviso relattiva fejn japplika	
8. Għall-ġarr ta' armi tan-nar għall-kaċċa tal-fenek selvaġġ, fis-sena.....	5.00
B'dan illi persuna liċenzjata skond il-partita 8 għandha tħallas id-drittijiet li għandhom jitħallsu skond il-partita 7(a) u l-proviso relattiva fejn japplika	

Lm

Imwejjed tal-Billjard (Pubbliċi)

9. Biex tinżamm mejda tal-billjard għall-użu mill-pubbliku, fis-sena..... 10.00

10. Għal kull mejda oħra tal-billjard għall-użu mill-pubbliku barra mill-ewwel waħda, fis-sena..... 5.00

11. Għal-estensjoni tal-ħin ta' l-għluq ta' postijiet fejn hemm imwejjed tal-billjard għall-użu mill-pubbliku mill-11 p.m. sas-1 a.m., fis-sena..... 1.00

Dgħajjes u Inġenji tal-Baħar oħra

12. Għall-użu ta' dgħajsa tal-pass għall-kiri, fis-sena..... 0.50

13. Biex wieħed iżomm jew juża dgħajsa li taħdem bil-makna għat-trasport ta' passiġġieri bil-ħlas, fis-sena –

(a) jekk id-dgħajsa ma tkunx iktar minn 5 tunnellati metriċi gross..... 10.00

(b) jekk id-dgħħajsa tkun iktar minn 5 tunnellati metriċi gross..... 50.00

14. Għal użu ta' dgħajsa tat-tagħbija, ċattra, tankijiet ta' l-ilma, dgħajsa għan-negozju, lanċa, lanċa ta' l-irmonk, fis-sena –

(a) jekk id-dgħajsa ma tkunx iżjed minn 50 tunnellata metriċi gross..... 5.00

(b) jekk id-dgħajsa tkun iżjed minn 50 tunnellata metriċi gross..... 10.00

15. (a) Biex wieħed iżomm jew juża dgħajsa jew inġenju, magħduda "pleasure boat" (barra minn dawk imsemmija speċifikament x'imkien ieħor f'din l-Iskeda), kull ħames snin –

dgħajsa li ma għandiex makna minn 12 il-pied il-fuq..... 15.00

(b) Biex wieħed iżomm jew juża dgħajsa li taħdem bil-makna jew inġenju li jaħdem bil-makna, magħduda "pleasure boat" (barra minn dawk imsemmija speċifikament x'imkien ieħor f'din l-Iskeda) –

	Lm
kull 5 snin, meta d-dgħajsa ma jkolliex makna u hija twila minn 12 il-pied il fuq, jew jkollha makna ta'	
sa 10 h.p.	15.00
fis-sena, meta d-dgħajsa jkollha makna ta'	
minn 10 sa 25 h.p.	20.00
iżjed minn 25 sa 50 h.p.	25.00
iżjed minn 50 sa 75 h.p.	35.00
iżjed minn 75 sa 150 h.p.	45.00
iżjed minn 150 h.p.	60.00
iżda għall-għoti ta' liċenza dwar "pleasure boat" għandu jingħabar dan id-dritt:	
meta d-dgħajsa ma jkolliex makna, u hija twila minn 12 il pied il-fuq jew taħdem b'makna	
sa 10 h.p.	25.00
meta d-dgħajsa jkollha makna ta'	
minn 10 sa 25 h.p.	200.00
iżjed minn 25 sa 50 h.p.	250.00
iżjed minn 50 sa 75 h.p.	300.00
iżjed minn 75 sa 150 h.p.	325.00
iżjed minn 150 h.p.	500.00

Għall-fini ta' din il-partita, "pleasure boat" tfisser dawk l-inġenji kollha li mix-xorta tal-bini jew kostruzzjoni jew użu tagħhom, huma meqjusa bħala "pleasure boats" mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Inġenji li jkunu reġistrati mad-Direttur tas-Sajd, għal għanijiet ta' sajd ma jiġux hekk reġistrati kemm-il darba sidhom ma jipproduċix lid-Direttur tas-Sajd ċertifikat minn "shipwright" kwalifikat fis-sens li l-imsemmija inġenji jkunu mibnija u maħsuba għal għanijiet tas-sajd.

Lm

16. (a) Biex wieħed jagħmilha ta' barklor jew ta' *coxswain*, fis-sena..... 0.50

(b) Għall-ħruġ ta' *badge* ta' barklor..... 0.20

Depożitu ta' materjal tal-Bini u materjal ieħor

17. Għal depożitu ta' materjal tal-bini jew materjal ieħor barra minn oġġetti f'xi post f'passaġġ pubbliku jew f'xi moll, barra minn oġġetti li dwarhom jithallsu rati ta' magazzinaġġ taħt ir-Regolamenti ta' l-1969 dwar Rati tal-Port; għal kull m^2 jew parti minnu dwar kull ġurnata jew parti minnha..... 1.00

18. Għal depożitu ta' *cranes* jew makkinarju ieħor tqil u goff f'xi post f'passaġġ pubbliku waqt l-erezzjoni, il-bini jew it-twaqqigħ ta' xi bini jew proġett ieħor bħal dak, għal kull biċċa makkinarju bħal dik dwar kull ġurnata jew parti minnha..... 10.00

Sewwieq tal-karozzin

19. (a) Biex wieħed jagħmilha ta' sewwiq tal-karozzin fis-sena 0.50

(b) Għall-ħruġ ta' *badge* ta' sewwieq tal-karozzin..... 0.20

Xbieki għall-insib

20. (a) Għat-teħid ta' għasafar, fis-sena..... 6.00

(b) Għat-teħid tal-fenek selvaġġ, fis-sena..... 6.00

20 A. Għall-irringjar ta' l-għasafar mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru ta' l-istess sena..... 3.00

Ċertifikati tal-Kondotta

21. Għall-ħruġ ta' ċertifikati tal-kondotta..... 1.00

Lm

Klieb

22. Biex jinżamm kelb, fis-sena..... 1.00

23. Biex jinżamm kelb ta' l-għassa fl-għelieqi jew fi kmamar jew bini ieħor li jmiss ma' l-għelieqi biex ikunu indukrati bħejjem jew uċuħ tar-raba' biss, fis-sena..... 0.50

24. Għat-tieni midalja jew għal kull midalja oħra dwar il-kelb matul is-sena li dwarha tkun ħemm fis-seħħ midalja..... 0.20

Encroachment

25. (a) Għat-tqegħid ta' mejda u siġġijiet, mhux iżjed minn erbgħa, f'art pubblika, fis-sena..... 5.00

(b) Għat-tqegħid ta' kull oġġett ieħor f'art pubblika. li ma jkunx kjosk, għal kull m^2 jew parti minnu, fis-sena..... 0.30

26. Għal permess biex isir tiżjin fit-toroq għal xi okkażjoni partikolari..... 1.00

27. Għal permess biex isir tħaffir fit-triq f'xi triq pubblika jew post pubbliku, kull darba..... 1.00

28. Għal kull liċenza oħra jew permess ieħor li ma jiġġeddux dwar:

(a) *encroachment* temporanju li mhux maħsub xort'oħra hawnhekk..... 0.50

(b) *encroachmen*t permanenti..... 1.00

Makni

29. Biex tinżamm għall-użu makna f'post fejn ħemm liċenza skond il-valur tal-kera jitħallas dritt għal liċenza sussidjarja; inkella tkun meħtieġa liċenza skond il-valur tal-kera.

Divertimenti (okkażjonali)

30. Biex issir wirja, ballu, *dance*, logħbiet żgħar, fiera, tombola, lotterija jew xi divertiment ieħor pubbliku f'xi ġurnata speċifikata..... 3.00

	Lm
31. Biex isir programm tal-banda u/jew marċi tal-banda f'xi belt jew raħal f'xi ġurnata speċifikata.....	1.00
32. Biex isir *sports* akwatiku jew *sports* ieħor f'xi ġurnata speċifikata.....	1.00
33. Biex isir xi divertiment ieħor okkażjonali f'xi ġurnata speċifikata.....	3.00

Esplożivi

34. Għall-importazzjoni ta' polvri, munizjon jew esplożivi oħra u għat-trasport tagħhom f'postijiet ta' magazzinaġġ awtorizzati, fis-sena	50.00
35. Biex tinżamm fabbrika tal-logħob tan-nar jew għall-manifattura ta' espolżivi, fis-sena.....	10.00
36. Għax-siri ta' esplożivi skond l-artikolu 6 ta' l-Ordinanza dwar Esplożivi, Kap. 33.....	1.00
37. Biex jinżammu u/jew jinħażnu esplożivi għall-bejgħ, fis-sena –	
(a) jekk il-kwantità ma tkunx iżjed minn 20 kg.....	2.00
(b) jekk il-kwantità tkun iżjed minn 20 kg.....	10.00
38. Għal kull bejgħ, trasferiment jew kunsinna ta' esplożivi barra minn negozjant bil-liċenza.....	1.00
39. Biex jinżammu esplożivi (mhux għall-bejgħ) skond l-artikolu 16 ta' l-Ordinanza dwar Esplożivi, Kap. 33, fis-sena.....	20.00
40. Biex jinġarru esplożivi u/jew logħob tan-nar minn post għal ieħor kull darba jew għal perijodu speċifikat, skond il-każ.....	1.00
41. Għal kull permess taħt l-artikolu 24 ta' l-Ordinanza dwar l-Esplożivi, Kap. 33, inkluż l-ibblastjar ta' blat bil-mezz ta' esplożivi għal kull perijodu speċifikat fil-liċenza.....	3.00

Liċenzi u permessi mingħajr ħlas

42. Permess għad-dfin.....	NIL

Lm

Pompieri fiċ-ċinematografi

43. Biex wieħed jagħmilha ta' pompier fiċ-ċinematografi, fis-sena..... 0.50

Bejjiegħa fit-toroq

44. Fis-sena, biex wieħed jagħmilha:

(a) ta' *pedlar* jew ta' bejjiegħ fit-toroq li juża vettura miġbuda minn annimal..... 10.00

(b) ta' bejjiegħ fit-toroq li juża vettura bil-mutur għall-bejgħ ta' ħobż u prodotti friski (li ma jkunux frott u ħxejjex)..... 10.00

(ċ) ta' bejjiegħ fit-toroq li juża vettura bil-mutur għall-bejgħ ta' frott u ħxejjex..... 20.00

(d) ta' bejjiegħ fit-toroq ta' xi kommodità f'suq miftuħ (f'kull lokalità minbarra fil-Belt Valletta)..... 30.00

(e) ta' bejjiegħ fit-toroq li juża vettura bil-mutur jew inġenju tal-baħar..... 40.00

(f) ta' bejjiegħ fit-toroq f'post fiss fis-suq miftuħ fil-Belt Valletta jew f'xi post fiss x'imkien ieħor..... 50.00

Haddiema Ambulanti

45. Biex wieħed jagħmilha ta' sennien jew landier ambulanti, fis-sena..... 0.50

46. Biex wieħed jagħmilha ta' fotografu fit-toroq, fis-sena..... 5.00

Negozjanti tal-Bizzilla

47. Biex wieħed jinnegozja biss fil-bizzilla maħduma bl-idejn f'ħanut li għandu liċenza biss għal dan l-iskop, fis-sena..... 2.00

Liċenzi għall bejgħ ta' Likuri

48. Għall-estensjoni tal-ħin ta' l-egħluq ta' ħanut b'liċenza għall-bejgħ ta' nbid, birra u likuri spirituži wara l-11 p.m. sas-1 a.m., fis-sena 20.00

Lm

49. Għall-estensjoni tal-ħin ta' l-għeluq ta' ħanut b'liċenza għall-bejgħ ta' nbid, birra u likuri spirituż wara s-1. a.m., fis-sena..... 50.00

50. Għall-estensjoni speċjali f'ġurnata speċifikata f'okkażjoni ta' festi, eċċ. tal-ħin ta' l-egħluq ta' ħanut b'liċenza għall-bejgħ ta' nbid, birra u likuri spirituż wara l-11 p.m..... 1.00

51. Għal permess temporanju għall-bejgħ ta' nbid, birra u likuri spirituż bil-grogg f'xi ġurnata speċifikata..... 2.00

52. Għall-bejgħ ta' nbid, birra u likuri spirituż bil-grogg fuq lanċa, fis-sena..... 25.00

53. Għall-bejgħ ta' nbid, birra u likuri spirituż fi kwantitajiet ta' mhux inqas minn flixkun shih li ma jinxtorbux fil-post fejn jinbiegħu, fis-sena..... 2.00

54. (a) Biex jiġi servut l-inbid u l-birra ma' l-ikel f'postijiet ta' l-ikel, taverni, eċċ. li ma għandhomx liċenza taħt l-Att dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li Jipprovdu Ikel, Kap. 197, fis-sena..... 5.00

(b) Għall-estensjoni tal-ħin li matulu l-inbid u l-birra jistgħu jinbiegħu matul ikliet minn post ta' l-ikel, taverna, eċċ. li ma għandhomx liċenza taħt l-Att dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li Jipprovdu Ikel, Kap. 197, għal kull siegħa wara l-11 p.m., fis-sena..... 2.00

55. Biex wieħed iħaddem peersuna biex tagħmilha ta' sostitut ta' detentur ta' liċenza f'ħanut ta' l-inbid u spirti, fis-sena..... 10.00

56. (a) Biex wieħed jagħmilha ta' artista, *barmaid* jew wejter f'ħanut ta' l-inbid u spirti b'liċenza għall-impieg ta' *barmaids*, fis-sena..... 1.00

(b) Għall-*badge* biex tintlibes minn artista, *barmaid* jew wejter..... 0.20

57. Għal kull tibdil f'liċenza jew indursjar fuq liċenza maħruġa f'forma ta' ktejjeb dwar tibdil fil-post ta' l-impieg ta' artista, *barmaid* jew wejter..... 0.15

Lm

58. Għall-impieg ta' persuna biex tagħmilha ta' artista, *barmaid* jew wejter f'ħanut ta' l-inbid u spirti b'liċenza għall-impieg ta' *barmaids* jew bħala *waitresses* jew kaxxiera għal kull persuna ħekk impjegata, fis-sena..... 0.50

59. Għall-impieg ta' assistenta mara ta' armla li għandha liċenza jew kaxxiera, fis-sena..... 0.50

Vetturi bil-Mutur

60. Biex wieħed jagħmilha ta' negozjant tal-*motor cars*, fis-sena..... 100.00

61. Biex wieħed iżomm skola tas-sewqan, fis-sena..... 50.00

62. Għall-użu ta' karozza privata, fis-sena –

(a) sa 1300 cc..... 30.00

(b) iżjed minn 1300 cc sa 1500 cc..... 40.00

(ċ) iżjed minn 1500 cc sa 1800 cc..... 45.00

(d) iżjed minn 1800 cc sa 2000 cc..... 75.00

(e) iżjed minn 2000 cc..... 150.00

63. Għall-użu ta' *tractor* maħsub biex jintuża wkoll barra minn Malta, fis-sena –

(a) meta jkun jiflaħ jiġbed bejn 3 u 10 tunnellati metriċi... 20.00

(b) meta jkun jiflaħ iġorr jew jgħabbi iżjed minn 10 tunnellati metriċi..... 50.00

Iżda meta tinħareġ l-ewwel darba liċenza dwar *tractor* maħsub biex jintuża wkoll barra minn Malta, għandu jitħallas, minflok id-drittijiet li jitħallsu taħt il-proviso tal-partita 62, meta jkun *tractor* li jiflaħ jiġbed iktar minn 10 tunnellati metriċi, dritt ta'..... 200.00

64. Għal kull permess għal *tractor* jew karrella sabiex ikunu jistgħu jivvjaġġaw barra minn Malta..... 3.00

	Lm
65. Għall-użu ta' *taxi*, fis-sena.....	5.00
66. Għall-użu ta' *omnibus* bil-mutur, fis-sena –	
(i) f'Malta.....	8.00
Iżda –	
(a) meta l-vettura tkun se tintuża fuq servizz *scheduled* biss, għandu jitħallas dritt addizzjonali ta'.....	2.00
(b) meta l-vettura tkun se tintuża fuq servizz *scheduled* u *unscheduled* barra minn servizz għat-turisti, għandu jitħalas dritt addizzjonali ta'.....	27.00
(ċ) meta l-vettura tkun se tintuża fuq servizz *unscheduled* biss barra minn servizz għat-tutisti, għandu jitħallas dritt addizzjonali ta'.....	67.00
(d) meta l-vettura tkun se tintuża fuq servizz *unscheduled* u għat-turisti biss, għandu jitħallas dritt addizzjonali ta'.....	92.00
(e) meta l-vettura tkun se tintuża fuq servizz għat-turisti biss, għandu jitħallas dritt addizzjonali ta'.....	192.00
(f) meta l-vettura tkun *motor minibus*, għandu jitħallas dritt addizzjonali ta'.....	50.00
(ii) f'Għawdex.....	3.15
67. (a) Għall-użu ta' karrozza *self drive*, fis-sena.....	60.00
(b) Għall-użu ta' vettura misjuqa minn xufier (li ma tkunx vettura li hi "taxi"), fis-sena.....	37.00
68. Għall-użu ta' *motor cycle*, fis-sena.....	20.00
69. Għall-użu ta' kull xorta ta' *tractor* jew makkinarju agrikolu maħsub u wżat biss għal għanijiet agrikoli, fis-sena.....	5.00
70. Għall-użu ta' trakk, *van, mixer* tal-*concrete, crane, motor hearse, forklift*, jew xi vettura oħra bil-mutur (barra minn siġġu jew karozza ta' l-invalidi bil-mutur) li mhumiex speċifikati f'partiti oħra taħt din l-intestatura, fis-sena.....	40.00

Lm

71. Għal liċenza biex wieħed jidħol il-Belt Valletta b'żieda ma' kull dritt ieħor stabbilit f'din l-Iskeda, meta s-sid reġisrat tal-vettura bil-mutur ma joqgħodx fil-Belt Valletta, fis-sena..... 20.00

Iżda d-dritt addizzjonali f'din il-partita ma japplikax għal vetturi msemmija fil-partiti 65, 66, 67 u 68, jew għal siġġu jew karozzi ta' l-invalidi bil-mutur.

72. Għal permess biex wieħed jitgħallem isuq..... 10.00

73. Għal kull prova għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' kompetenza fis-sewqan ta' muturi..... 10.00

Iżda ebda dritt ma għandu jinġabar għal prova magħmula minn invalidi għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' kompetenza fis-sewqan ta' siġġu jew karrozza ta' invalidi bil-mutur.

74. Għal kategorija waħda jew iktar kategoriji li jinsab f'liċenza ta' sewqan waħda valida għal perijodu ta' għaxar snin..... 20.00

Iżda, meta l-liċenza tkun maħsuba li tawtorizza lid-detentur tal-liċenza sabiex isuq xi vettura kummerċjali barra minn Malta, għandu jitħallas dritt addizzjonali, fis-sena, ta'..... 10.00

Iżda ebda dritt ma għandu jitħallas dwar liċenza tas-sewqan maħruġa lil-persunal ta' Dipartimenti tal-Gvern awtorizzat biex isuq vetturi li jkunu tal-Gvern.

75. għal liċenza biex wieħed isuq kull xorta ta' trattur jew makna agrikola, fis-sena..... 0.12c5

76. Għal Permess Internazzjonali ta' Sewqan..... 10.00

77. (a) Għall-ħruġ ta' liċenza annwali għall-użu ta' sett pjanċi *trial run*, fis-sena..... 20.00

(b) Għall-ħruġ ta' permessi għall-użu ta' sett ta' pjanċi *trial run* għall-perijodu ta' xi ġurnata waħda..... 2.00

Dawn id-drittijiet ikunu barra mid-depożitu magħmul f'idejn il-Kummissarju tal-Pulizija għal kull sett ta' pjanċi.

Lm

78. (a) Ghal eżami ta' *omnibus* bil-mutur.....	0.25
(b) Ghal kull eżami mill-ġdid.....	0.50
79. (a) Ghal eżami ta' vettura kummerċjali.....	1.00
(b) Ghal kull eżami mill-ġdid ta' vettura kummerċjali.....	0.50
(ċ) Ghal kull eżami ta' xi vettura ohra bil-mutur.....	0.25
(d) Ghal kull eżami mill-ġdid ta' xi vettura ohra bil-mutur....	0.50
80. (a) Biex wieħed jagħmilha ta' *park attendant* ta' vettura bil-mutur, fis-sena.....	5.00
(b) Ghal *badge* biex tintlibes minn *park attendant* ta' vetturi bil-mutur.....	0.20
81. (a) Biex wieħed jagħmilha ta' kunduttur ta' *omnibus* bil-mutur, fis-sena.....	0.25
(b) Ghal *badge* biex tintlibes minn kunduttur ta' *omnibus* bil-mutur.....	0.20
82. (a) Biex wieħed jagħmilha ta' spettur tal-biljetti ta' *omnibus* bil-mutur, fis-sena.....	0.50
(b) Ghal *badge* biex tintlibes minn spettur tal-biljetti ta' *omnibus* bil-mutur.....	0.20
(ċ) Biex wieħed jagħmilha ta' għalliem fis-sewqan ma' skola tas-sewqan, fis-sena.....	5.00

Strumenti Mużikali

83. (a) Ghad-daqq ta' strumenti mużikali u/jew għall-użu ta' *loudspeakers* u/jew *amplifiers* f'postijiet b'liċenza, fis-sena.....	5.00
(b) Ghad-daqq ta' strumenti mużikali u/jew ghall-użu ta' *loudspeakers* u/jew *amplifiers* għal- kull ġurnata wahda jew parti minnha.....	2.00

Lm

Ebda dritt ma għandu jingħaber dwar liċenza għall-użu ta' *loudspeakers* li jkunu jifformaw parti integrali minn settijiet tar-radju u tat-televiżjoni u magħluqa fil-kaxxa tagħhom.

Hwienet għal Bejgħ ta' Xorb Mhux Alkoholiku

84. (a) Għal liċenza biex iżżomm ħanut għall-bejgħ ta' xorb mhux alkoholiku. Id-drittijiet imsemmija taħt it-Taqsima II ta' din l-Iskeda għandhom japplikaw.

(b) Għall-bejgħ ta' xorb mhux alkoholiku minn fuq lanċa, fis-sena..... 10.00

(ċ) Għall-bejgħ ta' xorb mhux alkoholiku minn postijiet taħt l-Att dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li Jipprovdu Ikel, Kap. 197, fis-sena..... 10.00

85. Għall-bejgħ ta' ħwejjeġ ta' l-ikel u/jew xorb mhux alkoholiku minn posti jew kjoski mobbli, għal kull perijodu ta' tliet ijiem jew parti minnu..... 10.00

86. Għal estensjoni tal-ħinijiet tax-xogħol ta' ħanut għall-bejgħ ta' xorb mhux alkoholiku wara l-11p.m., fis-sena..... 5.00

Id-dritt ta' ħawn fuq għandu jingħabar irrispettivament mid-dritt għall-estensjoni ta' ħin għall-bejgħ ta' nbid u birra waqt l-ikel meta jkun hemm dik il-liċenza.

87. Għal estensjoni speċjali f'ġurnata speċifika fil-ħinijiet tax-xogħol ta' ħanut għall-bejgħ ta' xorb mhux alkoholiku wara l-11 p.m..... 1.00

Pompi tal-Petrol

88. Għall-bejgħ ta' petrol, żejt jew karburanti oħra minn pompi fissi, kull pompa fis-sena..... 1.00

89. Għall-liċenza, fis-sena, taħt l-Att ta' l-1977 dwar l-Enemalta, jew xi regolamenti magħmula bis-saħħa tagħha, biex wieħed iżomm jew jaħżen pitrolju jew xi sustanza infjammabbli, esplożiva jew korrożiva li għaliha japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-imsemmi Att:

(a) għall-magazzinaġġ ta' kwantitajiet ta' mhux iżjed minn 2,700 litru..... 0.50

Lm

(b) għall-magazzinaġġ ta' kwantitajiet ta' iżjed minn 2,700 litru iżda mhux iżjed minn 9,000 litru 1.00

(ċ) għall-magazzinaġġ għal kwantitajiet ta' iżjed minn 9,000 litru 5.00

Ragħajja u Raħħala

90. Biex wieħed jagħmila ta' ragħaj jew ta' raħħal, fis-sena..... 0.25

Tal-Blakk

91. (a) Biex wieħed jagħmilha tal-blakk, fis-sena..... 0.25

(b) Għal *badge* biex tintlibes minn wieħed tal-blakk..... 0.20

Ġbir Pubbliku

92. Biex issir ġabra pubblika..... 1.00

Bejjiegħa Ambulanti fit-Toroq

93. Għall-bejgħ ta' ilma minerali u xorb u *refreshments* mhux alkoholiċi f'postijiet speċikati f'ċerti okkażjonijiet għal kull ġurnata speċifikata..... 0.50

Gabbar taż-żibel fit-toroq (privat)

94. (a) Biex wieħed jagħmilha ta' ġabbar taż-żibel fit-toroq, fis-sena..... 0.22c5

(b) Għal *badge* biex tintlibes minn ġabbar taż-żibel privat fit-toroq..... 0.20

Ġebel

95. (a) Sabiex tħaddem barriera u/jew tbiegħ ġebel artab, fis-sena..... 300.00

(b) sabiex tħaddem barriera u/jew tbiegħ kull ma joħroġ minn ġebel iebes, fis-sena..... 300.00

Lm

Vetturi għall-kiri u karrettuni għal użu privat

96. Biex wieħed jikri vettura miġbuda minn bhima għall-ġarr ta' persuni jew għall-ġarr ta' oġġetti, fis-sena..... 0.50

97. Biex wieħed iżomm karrettun għall-użu privat, fis-sena..... 0.25

98. Għal kull pjanċa biex titwaħħal ma vettura miġbuda minn bhima, barra minn karrettun, jew għal kull par pjanċi biex jitwaħħlu ma' karrettun..... 0.25

Vending Machines

99. Għall-bejgħ ta' xi affarijiet permezz ta' *vending machines,* fis-sena..... 10.00

Diskoteki

100. (a) Sabiex iżżomm u tħaddem fond fejn isiru "disco dances", fis-sena..... 500.00

alk
spe

(b) Għal estensjoni tal-ħin tal-għeluq tal-fond imsemmi fis-subparagrafu (a) iktar mill-11 p.m. u sas-1 a.m., fis-sena..... 50.00

(ċ) Għal estensjoni tal-ħin tal-għeluq tal-fond imsemmi fis-subparagrafu (a) iktar mix-1 a.m., fis-sena..... 50.00

Batching Plants

101. Sabiex iżżomm u tħaddem "batching plant", fis-sena..... 1000.00

Drittijiet Supplementari

102. Dritt għall-bdil ta' liċenza għall-ħruġ ta' liċenza minflok waħda eżistenti minħabba trasferiment personali, trasferiment ta' post jew xi tibdil ieħor jew żieda ta' kliem magħmula f'xi ħinn wieħed f'liċ enza eżistenti, kemm il-darba ebda dritt ieħor ma jkun jinġabar taħt dawn ir-regolamenti minħabba f'dak t-tibdil jew trasferimenti. 1.00

Dan id-dritt jinġabar ukoll dwar annotazzjoni magħmula fuq liċenza eżistenti maħruġa f'forma ta' ktejjeb.

Lm

103. Dritt għall-bdil ta' liċenza għall-ħruġ ta' liċenza minflok waħda eżistenti minħabba trasferiment personali ta' liċenza ta' bejjiegħ fit-toroq ta' fuq il-Monti u ta' kull liċenza oħra li tirrigwarda kjosk ta' kull xorta, ħlief meta dak it-trasferiment isir favur ir-raġel tagħha jew il-mara tiegħu, jew favur kull persuna fil-linja ta' dixxendenza, inklużi tfal adottati, bi trassmissjoni sew "inter vivos" sew "causa mortis", meta hekk tingħata prova tal-parentela familjari lid-detenturi tal-liċenza eżistenti..... 1000.00

104. Liċenza duplikata: għall-ħruġ ta' kull liċenza duplikata..... 0.25

105. Kull liċenza jew permess ieħor meħtieġ skond il-liġi li ma hemmx maħsub għalih xort' oħra f'din l-Iskeda, fis-sena..... 3.00

106. Liċenza sussidjarja: dritt għal liċenza wieħed biss bażat fuq il-valur ta' kera annwali ta' post b'liċenza għandu jingħabar dwar kull post.

Liċenzi sussegwenti għandhom jinħarġu bħala sussidjarja:

alk
spe

għall-ewwel ħruġ ta' liċenza sussidjarja jew għat-tiġdid tagħha sakemm ma tkunx inkorporata fil-liċenza prinċipali, fis-sena..... 1.00

107. Għall-liċenza ta' balzmatur, fis-sena..... 10.00

TAQSIMA II

Liċenzi skond il-Valur tal-Kera

1. Għal liċenza biex wieħed iżomm ħanut, posta, kjosk fiss, maħżen, *garage*, ħanut tax-xogħol, fabbrika, stabbiliment tal-kummerċ, uffiċċju, aġenzija, alloġġ, stamperija, każin, ċinematografu, teatru, post ta' divertiment pubbliku jew post ieħor fejn *wares*, merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra jiġu fabbrikati u/jew mibjugħa jew fejn isir xi kummerċ, negozju, attività kummerċjali, arti, professjoni jew vokazzjoni, għandu jingħabar dritt ekwivalenti għall-ammont kalkolat fuq il-valur tal-kera tal-postijiet b'liċenza bir-rata msemmija fil-Kolonna 1 tat-Tabella A ta' din il-partita, skond il-kategorija u l-lokalità rispettivi tagħhom, u suġġett għall-inqas dritt imsemmi fil-Kolonna 2 ta' l-imsemmija Tabella A.

TABELLA A

Lokalità A

	Kolonna 1	Kolonna 2
Kategorija 1	8%	Lm250
Kategorija 2	8%	Lm130
Kategorija 3	8%	Lm 80
Kategorija 4	8%	Lm 50

Lokalità B

Kategorija 1	7%	Lm200
Kategorija 2	7%	Lm100
Kategorija 3	7%	Lm 60
Kategorija 4	7%	Lm 40

Lokalità Ċ

Kategorija 1	6%	Lm105
Kategorija 2	6%	Lm 50
Kategorija 3	6%	Lm 30
Kategorija 4	6%	Lm 20

Lokalità D

Kategorija 1	5%	Lm 50
Kategorija 2	5%	Lm 25
Kategorija 3	5%	Lm 20
Kategorija 4	5%	Lm 15

Lokalità A tinkludi:–

Belt Valletta ..... Triq ir-Repubblika bejn Bieb il-Belt u Triq San Kristoforu; Triq Merkanti bejn Pjazza Vittorja u Triq San Kristofru.

Buġibba u Qawra ..... Din il-lokalità tinkludi l-area mdawra bi –
Toni Bajjada Street (iż-żewġ naħat);
Mosta Road bejn Toni Bajada Street u Salini Coast Road sa Pioneers Corps Road;
Pioneers Corps Road;
Qawra Road (inklużi t-toroq tal-ġenb li jinsabu fl-area) sa u inkluża Buġibba Road sa fejn din tiltaqa' ma' Toni Bajada Street ħdejn u inkluż il-Gillieru Restaurant.

Paceville ..... i.e. l-area magħrufa bħala Paceville imdawra bi u tinkludi Spinola Road (iż-żewġ naħat);

	dik il-parti ta' St George's Road bejn Spinola Road u l-Bajja ta' San Ġorġ (iż-żewġ naħat); il-Bajja ta' San Ġorġ u t-triq li minn dik il-Bajja tieħu lejn it-Triq Reġjonali (iż-żewġ naħat u t-toroq fil-ġnub li joħorġu minnha); Dragonara Road.
San Ġiljan	Spinola Square; St George's Road sa Spinola Road (inkluża kull triq tal-ġenb li joħorġu minnha fl-area).

Lokalita B tinkludi:–

Belt Valletta	Triq San Pawl bejn Pjazza Kastilja u Triq San Kristoforu; Triq l-Ifran bejn Triq l-Ordinanza u Triq San Kristofru; Triq Zakkarija; Triq id-dejqa bejn Triq l-Ordinanza u Triq San Nikola; Pjazza Vittorja; Triq Teżorerija; Triq San Frederiku; Triq l-Ordinanza; Triq Nofs in-Nhar Triq Melita; Triq il-Karrı; Triq San Ġwann bejn Triq Sant'Ursola u Triq il-Punent; Triq Santa Luċija bejn Triq Sant'Ursola u Triq il-Punent; Triq it-Teatru l-Qadim bejn Triq Sant'Ursola u Triq l-Ifran; Triq Felice; Triq l-Arċisqof bejn Triq Sant'Ursola u Triq l-Ifran.
Ħamrun	Triq Irjali.
Mellieħa	Triq Ġorġ Borġ Olivier; Triq Irjali;
San Ġiljan	Triq Ġorġ Borġ Olivier;
Sliema	Triq Bisazza; Sqaq Bisazza; Ix-Xatt; Triq it-Torri; Pjazza Sant'Anna; Triq il-Katidral;Strada Rjali bejn Triq it-Torri u Triq Ghar-il-Lembi; Triq Manuel Dimech bejn is-Xatt u St Helen Street; Triq Rodolfu bejn Triq Manuel Dimech u Triq San Ġakbu.

Rabat, Għawdex	Pjazza Indipendenza; Triq ir-Repubblika; Pjazza S. Sabina; Pjazza San Ġorġ; Triq San Ġużepp; Triq is-Suq; Triq Putirjal.
Marsalforn, Għawdex	
Xlendi, Għawdex	

Lokalità Ċ tinkludi:–

Birkirkara	Triq il-Wied; Triq Mannarinu; Triq Fleur-de-Lys; Triq in-Naxxar.
Birżebbuġa	Il-Bajja s-Sabiħa; Triq San Edwardu bejn il-Bajja s-Sabiħa u l-Moll; Triq Bonnici; Misraħ Birżebbuġa.
Bormla	Pjazza Gavino Gulia; Pjazza Paolino Vassallo; Il-Moll ta' Bormla; L-Inħawi tal-knisja ta' San Pawl.
Furjana	Pjazza Sant'Anna; Triq Sant'Anna Pjazza Papa Ġwanni XXIII.
Gwardamangia	Triq San Luqa/Triq il-Mimosa.
Gzira – Msida	Ix-Xatt; Triq Testaferrata; Ix-Xatt ta' l-Imsida.
Wied il-Għajn	Pjazza Dun Tarcis Agius; Triq ix-Xatt; Triq is-Salini; Pjazza Mifsud Bonnici.
Mdina	Il-belt kollha.

Mosta ..... Triq il-Kungress Ewkaristiku;
Triq il-Kostituzzjoni;
Triq Irjali bejn Pjazza Rotunda u Sqaq Grech Mifsud.

Rabat ..... Triq Irjali;
Is-Saqqajja;
Pjazza tal-Parroċċa;
Pjazza L'Isle Adam;
Triq Sant' Wistin;
Triq San Pawl;
Triq San Ġużepp.

San Pawl il-Baħar

Lokalità D tinkludi:–

Kull lokalità oħra li mhix murija taħt il-Lokalitajiet A, B, jew Ċ

Kategorija I tirreferi għal liċenzi kummerċjali dwar –

1. Radio, T.V., "appliances" tad-dar, makkinarju ta' l-uffiċċju, "spares" u tagħmir "high fidelity".
2. *Records* mużikali, *stereos, record players, tape recorders, casettes* u *spare parts*.
3. Importaturi u bejjiegħa bl-ingrossa.
4. Spiżjara, bejgħ ta' fwieħa u kosmetiċi.
5. *Salon* tas-xagħar.
6. Aġenti tar-*real estates,* aġenziji ta' l-ivvjaġġar u aġenziji oħra.
7. Kumpanniji ta' l-assigurazzjoni lokali (inklużi l-aġenti ta' kumpanniji ta' l-assigurazzjoni lokali u barranin, "brokers", operaturi reġistrati bħala "salesmen" taħt l-Att dwar l-impriża ta' l-Assigurazzjoni, Kap. 290.).
8. Reklamar u relazzjonijiet pubbliċi.
9. Istituzzjonijiet finanzjarji, banek, *investment houses*.
10. Antikitajiet.
11. Ġojjellerija, arloġġi ta' l-idejn, arloġġi tad-dar.
12. Makni u muturi tal-poppa.
13. Makkinarju ta' l-elettriku u mekkaniku.
14. Karozzi, vannijiet, *motor cycles,* vetturi bil-mutur u *spares*.
15. Servizz għal kiri ta' karozzi u *buses* u "surplus garage".
16. Kristalli ornamentali.
17. Ħwienet pubbliċi għall-bejgħ ta' nbid, birra u spirti.
18. Manifattura ta' "bricks" u madum.
19. "Showroom" għall-bejgħ ta' għamara.
20. "Showroom" għall-bejgħ ta' kmamar tal-banju u "toilet accessories".
21. Kull oġġett ieħor li mhux provdut speċifikament għalih, li fil-fehma tal-Kummissarju tal-Pulizija, għandu jkun klassifikat proprju taħt din il-kategorija.

Kategorija 2 tirreferi għal liċenzi kummerċjali dwar –

1. *Catering* u *confectioneries*.
2. Makkinarju tar-ritratti u *spare parts*.
3. Hwejjeġ ta' l-ilbies.
4. Għamara, xogħol ta' l-injam, tapezzar.
5. *Ironmongery*.
6. *Glassware, earthenware* u *tableware*.
7. *Electricians* u plumbers.
8. *Souvenirs*.
9. Tiswija ta' vetturi bil-mutur, *sprayers*, garaxxijiet tax-xogħol, garaxx.
10. Xedd tar-riġel u ħwejjeġ tal-ġilda.
11. Gradi tal-metall (industrijali).
12. Bejjiegħa tal-*petrol*.
13. Hwejjeġ tad-dar u *furnishing*.
14. *Launderers* u *dry cleaners*.
15. *Stationers* u bejjiegħa tal-kotba.
16. Makkinarju għall-agrikoltura u sajd.
17. Bejjiegħa tal-ġugarelli.
18. Purtieri, twapet.
19. Ġarr tal-mobbli, burdnara.
20. Kull oġġett ieħor li mhux provdut speċifikament għalih, li fil-fehma tal-Kummissarju tal-Pulizija, għandu jkun klassifikat proprju taħt din il-kategorija.

Kategorija 3 tirreferi għal liċenzi kummerċjali dwar –

1. Fabbriki.
2. Klabbs.
3. Ċinematografi.
4. Teatri.
5. Postijiet ta' divertiment pubbliku.
6. Uffiċini.
7. Stamperiji.
8. Kull oġġett ieħor li mhux provdut speċifikament għalih, li fil-fehma tal-Kummissarju tal-Pulizija, għandu jkun klassifikat proprju taħt din il-kategorija.

Kategorija 4 tirreferi għal liċenzi kummerċjali dwar –

1. Ħaddied, landier.
2. *Bazaar*.
3. Bejjiegħa tal-petrolju.
4. *Grocers* u bejjiegħa tal-ħaxix.
5. Bejjiegħa bl-imnut ta' l-ikel ta' l-annimali.

6. Bejjiegħa tal-laħam.
7. Furnara u bejjiegħa tal-ħobż.
8. Ħanut ta' l-inbid.
9. Hwienet tat-te u tal-kafe (xorb mhux alkoholiku).
10. Kull oġġett ieħor li mhux provdut speċifikament għalih, li fil-fehma tal-Kummissarju tal-Pulizija, għandu jkun klassifikat proprju taħt din il-kategorija.

2. Għal estensjoni speċjali ta' l-egħluq ta' postijiet ta' divertiment pubbliku wara s-1 a.m. għal kull okkażjoni, dritt ta' Lm10.

Dan id-dritt għandu jitħallas minkejja kull dritt imħallas għal estensjoni tal-ħin dwar kull liċenza oħra li jkun hemm fuq il-post.

Iżda dritt li jitħallas għal liċenzi għal dawn il-kategoriji kummerċjali li ġejjin għandhom ikunu jew dawk imsemmija fit-Tabella A jew dawn stabiliti kif ġej, skond liema jkun l-oġħla:

		Lm
(a)	aġenzija ta' proprjeta immobiljari	300.00
(b)	kumpanniji ta' l-assigurazzjoni lokali (eskluži l-aġenti ta' kumpanniji ta' assigurazzjoni lokali u barranin, "brokers", operaturi reġistrati bħala "salesmen" taħt l-Att dwar l-Impriża ta' l-Assigurazzjoni, Kap. 290.)	400.00
(ċ)	aġenzija tar-reklamar u/jew relazzjonijiet pubbliċi.	250.00
(d)	istituzzjoni finanzjarja, bank u dar tal-investimenti	500.00
(e)	sala tat-tiġijiet jew kull imkien ieħor simili fejn isiru tiġijiet jew riċevimenti oħra:	
	(i) fejn tkun tesa' inqas minn 200 persuna	150.00
	(ii) fejn tkun tesa' iżjed minn 200 persuna iżda inqas minn 500 persuna	250.00
	(iii) fejn tkun tesà iżjed minn 500 persuna	400.00